MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Numru 1/2014

Carmel sive Charlie Portelli et

versus

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 10 ta' Lulju 2014

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Carmel u Maria Anna Doris Portelli pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Marzu, 2014 fejn talbu lil

Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jibda' il-proceduri relattivi fit-termini tal-artikoli 311, 312, 316 u 325 tal-Kap 9 flimkien mal-artikolu 42 tal-istess Kap 9, minghajr aktar dewmien, kontra l-imsemmi Tarcisio Said Karta tal-Identita' bin-numru 27159G ta' 9, Triq Bingemma, Nadur u dan taht dawk il-provvedimenti illi din l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mghotija nhar it-Tlieta, 15 ta' April, 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u orndat lill-Kummissarju tal-Pulizija jibda' il-proceduri relattivi fit-termini tal-artikoli 311, 312, 316 u 325 tal-Kap 9, kontra l-imsemmi Tarcisio Said, detentur tal-karta tal-identita' 27159G, residenti numru 9, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex. Ordnat ukoll illi ai termini tal-artikolu 541(3) tal-Kap 9, kopja tad-digriet tigi notifikata lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' April, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka a contrario imperio, id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawxex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datat 15 ta' April, 2014.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali:

L-Ewwel Aggravju : Il-Provi Prodotti

Illi, l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda l-provi prodotti mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-kaz odjern u l-apprezament taghhom mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati;

Illi, l-istess Qorti tal-Magistrati hadet in konsiderazzjon is-segwenti fatti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha:

a) Il-persuna li tat in-nar lill-bieb ta' Carmel sive Charlie u Maria Anna Doris konjugi Portelli kienet liebsa incirata safra bil-kappa; liema incirata Tarcisio Said ghandu wahda simili taghha.
Illi, bid-dovut rispett kollu, incirata safra, jew aktar specifikament rain coat safra, bhal dik in kwistjoni, hija wahda komuni u infatti, anke meta mistoqsi dwara, l-istess Tarcisio Said jghid li din inghatat lilu mill-post fejn jahdem;

Illi, Said jabdemm al-Gvem u certament mhuwiex l-unika persuna li ghandu raincoat simili u ghaldaqstant ma jistax jinghad b'certezza li l-persuna liebsa incirata safra kienet fil-fatt Tarcisio Said;

b) Minn fuq il-filmat tas-CCTV ta' dakinhar tal-incident, Carmel sive Charlie u Maria Anna Doris konjugi Portelli jallegaw li gharfu il-mixja tat-trasgressur bhala dik ta' Tarcisio Said
Illi, mill-footage li ttiehed tat-trasgessur in kwistjoni, ma jidher xejn stramb fil-mod ta' kif il-persuna maqbuda kienet qeghdha tigri u ma jidher li m'hemm ebda mod ta' kif it-trasgressur jigi identifikat minn dak il-filmat partikolari;

c) Is-SinjuraPortelli irrakuntat li xi zmien wara l-incident, raw lil Tarcisio Said u dan tgerrex minnhom u telaq jigri.
Illi, b'kull dovut rispett, dan il-kuncett ma jregix – il persuna iddawwar wiccha u titlaq band'ohra meta tara lil xi haddiehor li forsi, ghal xi raguni, ma tixtieqx tkellmu mhijiex prova li dik il-persuna ikkomettiet xi reat jew iehor!

d) Is-Sinjura Portelli tallega wkoll li Tarcisio Said kellu motiv biex jaghmel att vandalistiku bhal ta' dan il-kaz, u dan l-ghaliex xi gimgha qabel zewgha kien mar jahrat ghalqa illi sa ftit qabel kienet tinhadem mill-istess Said.
Illi, dwar l-allegata kwistjoni bejn il-partijiet imsemmijha hawn fuq, ma ngabet ebda prova konkreta hlief dak li qed jallegaw is-Sinjuri Portelli;

Illi, anke se mai tezisti din il-kwistjoni, xorta wahda ma tippruvax, sal grad rikjest mill-Ligi, li kien Tarcisio Said li ta n-nar lill-bieb tal-garaxx tas-Sinjuri Portelli;

Illi, in vista tas-suespost, jidher li sal-gurnata tal-lum, l-unika evidenza li tezisti fil-kaz odjern hija l-footage tas-CCTV li juri persuna mhux identifikata, b'wiccha ma jidhirx, u li kienet liebsa jeans,boots ahdar u raincoat safra;

Illi, dawn l-ilbies m'humiex b'xi mod jew iehor unici, u ma jgorru l-ebda marka li tista' tiddistingwihom minn ilibies iehor u ghalhekk ma jistghux jigu attribwiti direttamentu b'certezza lil Tarcisio Said;

Illi, in oltre, ma jidher li hemm ebda evidenza ohra li torbot lil Said max-xena tad-delitt — infatti anke l-esperti forensii, fil-kors tal-inkjesta magisterjali rigward dan il kaz, ma sabu ebda tracci ta' karburant jew xi haga ohra simili fuq il-hwejjeg, li kienu jinkludu ukoll ir-raincoat safra tieghu, li gew elevati minghandTarcisio Said;

Illi, kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali f'kazijiet simili — "Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad tal-prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz";

Illi, hawnhekk jidher car li kull ma jeisti, sallum, huma BISS allegazzjonijiet fl-arja li b'ebda mod ma jorbtu lil Tarcisio Said mad-delitt in kwistjoni;

Illi, ghaldaqstant, in vista tal-evidenza mizera li tezisti kontra Said, l-esponent ihoss li jkun insult u kontra l-ahjar interessi tal-gustizzja li jittiehdu proeduri kriminali kontrih, diment li ma jirrizultawx provi godda li jkunu sostanzjali u indikattivi li kien fil-fatt Tarcisio Said li kkometta r-reat in kwistjoni;

It-Tieni Aggravju: L-Artikoli 311 u 312 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u strettament jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-Avukat Generali fir-rigward tal-ewwel aggravju, l- esponent jirrileva ukoll li se mai kellhom jittiehdu passi kriminali kontra Tarcisio Said, dawn m'ghandhomx jinkludu l-Artikoli 311 u 312 tal-Kodici Kriminali;

Illi, l-Artikolu 311 tal-Kodici Kriminali jitkellem fuq "Esplozjoni b'periklu tal-hajja jew tal-proprjetà" filwaqt li l-Artikolu 312 tal-istess Kodici jitkellem fuq "Jekk l-esplozjoni tikkaguna l-mewt jew offiza gravi fuq il-persuna";

Illi, il-kaz odjern jittratta dwar hruq ta' bieb ta' residenza privata li sar billi tpogga tyre jaqbad mal-bieb tal-garaxx li jifforma parti minn din 1-istess residenza;

Illi, pero', f'ebda stadju tal-investigazzjonijiet ma irrizulta' li kien hemm xi spluzjoni ta' xi tip jew xi tentattiv tal-istess;

Illi, ghaldaqstant, l-elementi fondamentali tal-Artikoli 311 u 312 tal-Kodici Kriminali ma jirrinkwadrawx f'dan il-kaz u m'hemmx bazi il-ghaliex dawn ghandhom jinghataw fil-konfront ta' Tarcisio Said;

Ikkunsidrat,

B'dan ir-rikors l-Avukat Generali qieghed jikkontesta d-decizjoni tal-ewwel Qorti datata hmistax (15) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) fejn dik il-Qorti ordnat li jittiehdu passi kriminali kontra Tarcisio Said ai termini tal-artikoli 311, 312, 316 u 325 tal-Kodici Kriminali peress illi dik il-Qorti kienet tal-fehma li "prima facie" jidher illi kien hemm indikazzjonijiet bizzejjed illi Tarcisio Said seta' jigi investigat dwar dan il-kaz. L-Avukat Generali però ma qabilx.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidunett illi din il-Qorti ma tikkonstestax u lanqas ma ticcensura l-argumenti legali migjuba mill-ewwel Qorti ghal tifsira tal-prova "prima facie" li bazikament tfisser illi "there is a case to answer" u ghalhekk anqas minn dak probabbli rikjest fil-kamp civili. Però din il-Qorti taghmilha cara illi dan il-livell ma jistax jigi ridott ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz ghax dan il-livell mhu tajjeb ghal hadd u ma jistax jikkostitwixxi l-ebda livell ta' prova.

Din il-Qorti ezaminat il-provi illi s'issa donnhom tressqu f'dan il-kaz fejn ir-rikorrenti Carmel Portelli qieghed jikkontendi illi l-livell ta' "prima facie" ntlahaq bil-fatt illi Tarcisio Said kellu "raincoat" simili ghal persuna illi ipprova jkebbes in-nar ma' bieb ir-rikorrenti. Terga' minn filmat tas-CCTV dakinhar tal-incident ir-rikorrenti Charlie Portelli u martu jallegaw illi gharfu l-mixja tal-persuna illi wettaq ir-reat bhala dik ta' Tarcisio Said. Apparti l-fatt illi mill-footage tal-filmat il-persuna illi wettaq ir-reat jidher qieghed jigri u ma hemm xejn stramb bil-mod kif kien qieghed jaghmel dan u ma hemm xejn illi jista' jorbtu ma' Tarcisio Said, din il-Qorti

jidhrilha illi fuq dawn iz-zewg provi biss ma tistax il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi jezistu “prima facie” provi sabiex il-process jitkompla quddiem il-Qorti. B’dawn il-provi l-livell li jintlahaq huwa biss dak tal-possibbli u Tarcisio Said f’dan l-istadju zgur illi ma jistax jigi addebitat “with a case to answer” u, sakemm il-provi jibqghu limitati biss ghal dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi hemm fuq xhiex jigi processat Tarcisio Said. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun fit-talba tieghu u tilqa’ l-istess, tirrevoka contrario imperio d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali datata hmistax (15) ta’ April tal-elfejn u erbatax (2014) u thalli f’idejn il-pulizija ezekuttiva d-decizjoni tipprocedix jew le kontra Tarcisio Said salv il-produzzjoni ta’ provi godda.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------